



Brussell, 19 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

16231/22

Fajls Interistituzzjonali:
2013/0186(COD)
2020/0264(COD)

AVIATION 324
CODEC 2070

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta Emendata għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 fir-rigward tal-kapaċità tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea li taġixxi bħala Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew • Dikjarazzjoni Konġunta mill-Irlanda, il-Finlandja u Malta li għandha tiġi inkluża fil-Minuti tal-Kunsill TTE (Trasport) tal-5 ta' Diċembru

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni konġunta mill-Irlanda, il-Finlandja u Malta li għandha tiġi inkluża fil-Minuti tal-Kunsill TTE (Trasport) tal-5 ta' Diċembru.

Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Pakkett 2+ tal-Ajru Uniku Ewropew**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Irlanda, il-Finlandja u Malta****Għandha tiġi inkluża fil-Minuti tal-Kunsill TTE (Trasport) tal-5 ta' Diċembru**

L-Irlanda, il-Finlandja u Malta huma favur approċċ ambizzjuż għall-SES2+ u jappoġġaw bis-sħiħ qbil dwar dan il-fajl is-sena d-dieħla li jattrezza lill-ATM Ewropea għall-futur.

Nixtiequ niringrazzjaw lill-Presidenza Ċeka għall-ħidma bla heda tagħha fuq dan il-fajl u nfaħħru lill-Presidenza talli avvanzat il-fajl matul dawn l-aħħar sitt xhur.

Aħna konxji li l-fajl SES2+ kien proċess twil u diffiċli u li, dwar ħafna kwistjonijiet ewlenin, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom fehmiet u pożizzjonijiet sostanzjalment differenti. Konxji wkoll mill-fatt li ftit li xejn fadlilna żmien biex naqblu dwar dan il-fajl qabel ma jiskadi s-sena d-dieħla.

Għalhekk, ninsabu diżappuntati li ma setax jintlaħaq qbil fil-COREPER il-ġimgħa li għaddiet dwar test tal-Kapitolu Erbgħa għat-trilogu. Nemmnu li rwol b'saħħtu għall-Maniġer tan-Netwerk u rwol imsaħħaħ għall-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni huma importanti għall-modernizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew.

Għalhekk, aħna nħeġġu lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Parlament biex matul ix-xhur li ġejjin jagħtu prijorità lill-ilħuq ta' qbil dwar il-kwistjonijiet pendenti. Ninsabu konvinti li tista' tinstab pożizzjoni reċiprokament aċċettabbli.

Hekk kif din is-sena ħriġna mill-pandemija tal-COVID-19, rajna ritorn sinifikanti (u milqugħ tajjeb) tal-ivvjaġġar bl-ajru. Dan poġġa ħafna pressjoni fuq is-servizzi tal-ATM u l-ajruporti madwar l-Unjoni. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna poġġiet aktar pressjoni fuq il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru madwar l-UE iżda b'mod partikolari fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Dawn il-kriżijiet enfasizzaw l-importanza li dan il-fajl jitmexxa 'l quddiem. SES2+ jista' jgħinna nkomplu ntejbu l-effiċjenza u l-kapaċità fin-Netwerk Ewropew kollu. B'mod kruċjali, l-SES jista' jgħinna wkoll innaqqsu l-emissjonijiet mill-avjazzjoni.

Taħt il-Presidenza Ċeka u l-presidenzi preċedenti, rajna l-progress li jista' jsir meta jsir sforz konġunt biex isir progress f'dan il-fajl. Inħeġġu lill-Presidenza Żvediża li jmiss biex tkompli l-ħidma tajba tal-Presidenza Ċeka u żżomm il-momentum fuq dan il-fajl.

L-Irlanda, il-Finlandja u Malta jinsabu lesti li jinvolvu ruħhom mal-kollegi mill-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mal-Parlament sabiex jinżamm il-progress li sar f'dan il-fajl fix-xhur li ġejjin.